# MARL

# Fuljett maħruġ mill-MARL

# Għad-Dilettanti tar-Radju

# Maltin u Għawdxin

## Numru 15

Ġunju 2007

# Fiċ-Ċentru mhux






# permess tipjip

## Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Ġunju 2007 li hija l'15-il ħarġa ta' din is-sensiela.

Din hija l-ewwel ħarġa wara xahar li ħriġna l-aħħar ħarġa u jekk ikollna materjal biżżejjed nippruvaw noħorġu dan il-fuljett kull xahar.

Tajjeb li tkunu tafu li bħal snin oħra qabel, il-MARL ħadet sehem fil-Fiera tar-Rebbiegħa li tinżamm ġewwa l-ġonna ta' Sant' Anton.

Din is-sena il-Malta Horticultural Society li torganizza l-wirja tat ukoll tazza lill-MARL għas-sehem tagħha.

Inroddu ħajr lil dawk id-dilettanti tar-radju li ħadu sehem f'din il-wirja li kienet mezz tajjeb biex in-nies isiru jafu dwar id-delizzju tagħna u l-MARL.

Is-Sibt 19 ta' Mejju u l-Ħadd 20 ta' Mejju, numru ta' dilettanti tar-radju tal-MARL organizzaw operazzjoni minn ħdejn it-Torri l-Aħmar fil-Mellieħa.

Huma organizzaw ukoll BBQ s-Sibt filgħaxija.

Għalkemm il-propagazzjoni ma tantx kienet tajba, huma xorta ħadu pjaċir u esperjenza tajba.

Hemm il-ħsieb li jiġu organizzati aktar attivitajiet bħal dawn anki minn postijiet oħra madwar Malta.

Għaldaqstent, ikun tajjeb li nagħmlulhom kuraġġ billi nieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet.

Dan mhux biss ikun mezz ta' kuntatti ma dilettanti oħra Maltin, imma jkun ukoll mezz biex kull min jieħu sehem jikseb esperjenza ta' operazzjoni f'sitwazzjonijiet differenti minn dawk li wieħed normalment isib meta jaħdem mid-dar tiegħu.

Il-kumitat qiegħed jippjana li jorganizza wkoll attivitajiet bħal ma huma BBQ's fiċ-Ċentru tagħna ħalli l-membri u l-familji tagħhom jiltaqgħu flimkien f'atmosfera ta' pjaċir.

Infakkrukom li r-ripetitur tat-televiżjoni huwa ppjanat li se jkun tpoġġa f'postu u jkun qiegħed jaħdem dan ix-xahar.

.

**Lawrence 9H1AV / 9H9MHR**

## Aħbarijiet

Kif tafu, ftit ilu is-Serbja u l-Montenegro kienu nfirdu u saru żewġ pajjiżi differenti.

L-Għaqda Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU) ma rieditx li tagħti nominattiv ġdid lil Montenegro.

Għaldaqstant, kien meħtieġ li jiftehemu dwar in-nominattivi li d-dilettanti tar-radju jkunu jistgħu jużaw.

Fil-11 ta' Mejju huma ftehemu li 4O, jiġifieri 4 Oscar jintuża mill-Montenegro.

Dan ifisser li l-Montenegro jista' juża minn 4O0 (4 Oscar Żero) sa 4O9, waqt li s-Serbja se tkompli tuża YT u YU 0 sa 9.

In-nominattivi 4N u YZ ittieħdu lura mill-Għaqda Dinjija tat-Telekomunikazzjoni (ITU) biex jingħataw lil xi pajjiż ieħor meta tinqala' l-ħtieġa.

L-Għaqda Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni qed titlobhom biex jaqilbu għal dawn in-nominattivi malajr kemm jista' jkun.

Tinsewx li Montenegro diġa` kien qiegħed jiġi meqjuż bħala pajjiż separat għal għanijiet ta' DXCC mis-sena l-oħra.

## Proposti tal-Konferenza Preparatorja għall-Konferenza Dinjija tar-Radju

### 5 MHz

Illum se nkomplu nagħtukom numru ta' pajjiżi oħra fejn id-dilettanti tar-radju tagħhom qed jaħdmu fuq din il-frekwenza.

Din l-informazzjoni hija meħuda minn fuq il-paġna ta' l-internet dwar din il-frekwenza.

Fejn hemm (**konfermat**) ifisser li dak kien imniżżel fil-lista ta' dubjużi (ara l-aħħar fuljet) imma issa ġie konfermat. L-oħrajn huma kollha konfermati.

| | |
|---|---|
| **8P6** | **Barbados** |
| **9Z4** | **Trinidad u Tobago (konfermat)** |
| **C52** | **Gambja** |
| **CN8** | **Marokk (konfermat)** |
| **FS** | **Sint Martin (Franza)** |
| **PJ7** | **Sint Martin Olanda (konfernat)** |
| **PT7** | **Brażil** |
| **S92** | **Sao Tome u Principe** |
| **SV** | **Greċja (konfermat)** |
| **T77** | **San Marino** |
| **V44** | **San Kitts & Nevis** |
| **WP4** | **Gżejjer USA (Karibbew)** |
| **YU** | **Jugoslavja (konfermat)** |

Min jisma xi stazzjonijiet ġodda jgħarrafni u jgħarraf ukoll lil K4MM fuq l'e-mail tiegħu dxer@bellsouth.net

Aħbarijiet ta' malajr lil W8GEX fuq l'e-mail tiegħu w8gex@aol.com

Biex taraw l-aħħar lista ta' pajjiżi li d-dilettanti tar-radju tagħhom qed jaħdmu fuq din il-frekwenza morru fuq http://60meters.info/countries.html

### 500 kHz

Illum għandna aħbar li t-tielet stazzjon Ġermaniż jinsab ukoll fuq il-frekwenza ta' 500kHz.

Dan huwa Uwe, DJ8WX u l-liċenzja ta' esperimentazzjoni tiegħu hija DI2BE.

Huwa qiegħed jaħdem fuq frekwenza ta' 505.1095 kHz u għandu ERP ikkalkulat ta' 9 Watts.

## Dilettanti tar-RadjuMaltin fuq l-14-il MHz

Għal dawk li jinteressahom li jitkellmu ma dilettanti tar-radju Maltin oħra, kull nhar ta' Ġimgħa jiltaqgħu numru ta' dilettanti tar-radju Maltin minn Malta u minn barra.

Huma jiltaqgħu fuq 14.297 MHz, ħin 1700 UTC.

Kull filgħodu, matul il-jum kif ukoll filgħaxija numru ta' dilettanti Maltin minn Malta, l-Ingliterra, l-Awstralja u l-Amerika jiltaqgħu ukoll fuq l-R6.

Ir-ripetitur R6 huwa mqabbad ma' l-internet permezz tas-sistema echolink.

Ir-ripetitur l-ieħor fuq il-UĦF, ħruġ fuq fuq 433.175MĦz u dħul fuq 434.775MĦz huwa wkoll imqabbad mas-sistema ta' l-internet permezz ta' l-echolink. Dan jeħtieġ ton CTCSS biex tidħlu fuqu.

Dan ukoll huwa wżat, għalkemm forsi mhux daqs l-R6, imma jekk issejħu fuqu aktarx li dejjem issibu lil xi ħadd li jwieġbkom.

Tinsewx li aktar ma nużaw frekwenzi u aktar ta' sikwit aktar inħarsu l-frekwenzi tagħna

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Ħoloq

### HAARP

High Frequency Active Auroral Research Programme
http://www.haarp.alaska.edu/haarp/index.html

Agħtu titwila fuq din il-paġna ta' l-internet u taraw il-ħolma tad-dilettanti tar-radju dwar it-tx u l-antenna.

## 28 MHz

Minħabba li l-frekwenza ta' l-10 metri jew it-28 MHz sikwit qed tkun miftuħa, ikun hemm min irid jissemma biex jara l-prpopagazzjoni kif tkun.

Din li ġejja hija ħolqa ta' l-għaqda **10-10 International** minn fejn tistgħu tniżżlu l-frekwenzi ta' stazzjonijiet li jintużaw biex jagħtu indikazzjoni tal-propagazzjoni.

http://www.ten-ten.org/main.html

## Sinjali ULF – VLF

X'sinjali hemm minn 0.6 Hz sa 30 kHz?

X'riċevituri tista' tagħmel biex tirċievu sinjali fuq dawn il-frekwenzi?

Xi programmi tal-kompjuter tista' tuża biex tirċievi s-sinjali?

X'antenni tista' tagħmel?

Għal dawn u ħafna mistoqsijiet oħra se nagħtikom lista' ta' paġna ta' l-internet li għandkom issibuhom interessanti.

Programm Spectrum paġna ta' Wolf:
http://www.qsl.net/dl4yhf kif ukoll:
www.members.aol.com/dl4yhf

Artiklu ta' Wolf "Using a PC with soundcard, as a VLF receiver" fuq:
http://www.qsl.net/dl4yhf/vlf_rcvr.html

Il-Proġett RDF. Kif issib id-Direzzjon tas-ta' trasmissjonijiet tar-Radju fuq VLF u LF
http://www-user.uni-bremen.de/~ews2/RDF_project.htm

Paġna tar-Radju ta' Klaus
http://longwave.bei.t-online.de/

Kalkulatur siewi tal-RDF mill-paġna ta' Klaus
http://longwave.bei.t-online.de/rdf.html

Id-dinja taħt il-535kHz, minn Costas Krallis SV1XV
http://www.qsl.net/sv1xv/index.html

LWCA, Longwave Club ta' l-America,
http://lwca.org

Mappa ażimut ta' Tony v3.2
http://members.shaw.ca/ve6yp/
u fuq: http://www.qsl.net/ve6yp/

Programm ta' propagazzjoni u mappa ażimut ta' Sheldon C. Shallon's (W6EL) v2.02. jew aktar riċenti. Il-mappa siewja ħafna biex tibni librerija ta' direzzjonijiet VLF: http://www.qsl.net/w6elprop/

Taħwida ta' sinjali naturali u kampjuni ta' ħsejjes fuq il-VLF mingħand. Stephen P. McGreevy:
http://www-pw.physics.uiowa.edu/mcgreevy/

Riċevitur VLF tan-NASA's fuq l-internet:
http://spaceweather.com/glossary/inspire.html
http://science.nasa.gov/headlines/y2001/ast19jan_1.htm

Sit VLF ta' Larry, ħsejjes, ċirkwiti u ħafna aktar: http://home.pon.net/785/

OPEN LAB, Radju taħt it-22 kHz ta' Renato Romero. Interessanti ħafna għal esperimenatzzjoni, tiftix, u nformazzjoni fuq il-frekwenzi ELF u VLF:
http://www.vlf.it

L-użu ta' Voltmetri li Jagħzlu l-Frekenza bħala riċevituri VLF, minn by Don Moman:
http://members.home.net/rnewll/fsvm.htm

Għall-bini ta' dipoli fl-art:
http://www.elfrad.com
http://www.elfrad.org
http://www.da4e.nl/elfspecial.html

Għall-bini ta' antenni b'kojlijiet ta' induzzjoni u riċevituri ELF:
http://wavelab.homestead.com/

Għal tiftix varju fuq ELF /ULF, inkluż spectrogrammi ta' sinjal ta' 2.5 Hz:
http://members.home.net/sidereal7/elfulf_research_in_arizona.htm

Antenni Loop antennas għal VLF u inqas:
http://home.t-online.de/home/Peter.Schmalkoke/

Mapep u koordinati madwar id-dinja:
http://www.calle.com/world
http://new2calle.com/world

Paġna WUN fejn issibu ħafna informazzjoni inkluża lista' ta' stazzjonijiet ULF-ELF:
http://www.wunclub.com

## Mistoqsijiet

Wara l-aħħar artiklu dwar l-użu tar-radju fil-vetturi u dwar l-avviż li jintbaghat dwar allegata kontravenzjoni kien hemm min staqsa dwar il-Bord ta' l-Appelli.

Dan għaliex minħabba l-kwantita'enormi ta' avviżi dwar allegati kontravenzjonijiet li kienu qed jintbagħtu għal kull ħaġa ta' xejn kien sar Bord fejn wieħed jista' jikteb, ifisser il-pożizzjoni tiegħu, u jitlob li jitwaqqfu l-proċeduri kontra tiegħu.

L-indirizz ta' dan il-Bord huwa,
Bord tal-Petizzjonijiet
P.O. Box 41
Valletta

Min jikteb għandu jagħti l-fatti fil-qosor u jgħid x'qed jitlob.

Biex nieħdu eżempju prattiku, ejja ngħidu li xi ħadd irċieva avviż bil-posta biex iħallas multa għaliex daħal fi triq li kienet one-way ħażin.

Ejja ngħidu li fl-avviż kien hemm ukoll ritratt tal-karozza bil-ħin u d-data ta' meta sar l-allegat att u li dan ir-ritratt ittieħed minn kamera awtomatika.

Huwa jħares lejn il-vettura fir-ritratt u jara li din hija tassew il-vettura tiegħu u mhux xi vettura oħra li b'xi żball jidher in-numru tal-vettura tiegħu fuqha kif ġieli ġara. Ejja ngħidu li sab li kollox kien jaqbel.

Huwa jħares lejn id-data ta' meta sar l-allegat att skond l-avviż u anki skond ir-ritratt u sab li dawn kienu jaqblu.

Ħares lejn it-timbru tad-data tal-posta fuq l-envelop ta' l-avviż, u jsib li d-data tal-posta hija 4-ijiem wara li sar l-allegat att.

Dan ifisser li l-avviż ma ntbagħatx fi żmien jumejn wara l-allegat att kif titlob il-liġi u għalhekk dan huwa l-ewwel punt li jagħmel l-avviż null u fieraħ.

**(Ara Avviż Legali 350 tas-sena 2004 Artiklu 3(2))**

Barra minn hekk jinduna li fl-avviż ma hemmx ir-raġuni jew raġunijiet għalfejn huwa ma ingħatax l-avviż bl-idejn fil-ħin li sar l-allegat att jew ommissjoni.

Jista' jkun hemm min jaħseb li għax ir-ritratt ittieħed b'kamera awtomatika u ma kienx hemm min jagħtih l-avviż bl-idejn fil-ħin li sar l-allegat att jew ommissjoni m'hemmx għalfejn tingħad din ir-raġuni.

Għal-liġi din m'hijiex skuża.

Niżżlu r-Regolament imsemmi fil-Fuljett numru 13, jew aħjar l-**Avviz Legali 350 tas-sena 2004** u taraw li fl-avviż trid tingħata r-raġuni għalfejn l-avviż ma ingħatax bl-idejn dak il-ħin li sar l-allegat att jew ommissjoni **(ara Artiklu 3(1) ta' l-Avviż Legali 350 tas-sena 2004)**

Għal din ir-regola ma hemm l-ebda eċċezzjoni.

Ir-Regolament jagħti ukoll is-sitwazzjonijiet speċifiċi fejn l-avviż jista' jintbagħat bil-posta, **(ara Artiklu 3(3) ta' l-Avviż Legali 350 tas-sena 2004)** imma xorta waħda tkun trid tingħata r-raġuni għalfejn ma ingħatax dak il-ħin.

La ma tingħatax ir-raġuni l-avviż f'dan il-każ huwa wkoll null u fieraħ anki fuq dan il-punt.

Issa se nagħtikom ittra tipika li tista' tintbagħat f'din is-sitwazzjoni.

Is-Sur (isem min qed jikteb)
Indirizz….

Lill-Board għall-Petizzjonijiet
P.O. Box 41,
Valletta.

Data.....

Nirreferi għal avviż mill-Kunsill Lokali ta' (post) dwar kontravenzjoni li allegatament saret minn karozza (Ditta, mudell u numru tal-karozza) registrata fuq ismi, liema kontravenzjoni allegatament saret fit-8 ta' Frar 2007. Kopja ta' dan l-avviż hija hawn annessa.

Minħabba li l-multa ma tħallsitx irċevejt ukoll taħrika biex nidher quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja, (post), fis-27 ta' Mejju, 2007. Kopja ta' dan l-avviż hija hawn annessa.

Nigbed l-attenzjoni taghkom li waqt li skond l-ewwel avviż l-allegat reat sar fit-8 ta' Frar, l-ewwel avviż intbagħat fit-12 ta' Frar 2007 kif huwa ċar mid-data tat-timbru tal-posta li kopja tiegħu hija hawn annessa.

Nigbed l-attenzjoni tagħkom li skond l-Avviż Legali 350 tas-sena 2004 li jifforma parti mir-Regolamenti tat-Traffiku, l-avviż suppost jingħata bl-idejn jew jekk ma jingħatax hekk jintbaghat mhux aktar tard minn jumejn wara li jkun sar l-allegat att jew ommissjoni. Għalhekk l-ewwel avviż kellu jintbaghat mhux aktar tard mill-10 ta' Frar.

Barra minn hekk, fl-istess avviż trid tingħata wkoll ir-raġuni għalfejn l-avviż ma jkunx ingħata bl-idejn. Lanqas dan ma sar. Kopja ta' dan l-Avviż Legali qegħda tiġi hawn mehmuża għall-konvenjenza tagħkom.

Minn dan jidher ċar li l-ewwel avviż kien preskritt, null u fierah u għalhekk lanqas it-tieni avviż ma seta jew kellu jintbagħat.

Għaldaqstant, bir-rispett nitlob li l-avviżi kollha jitħassru minħabba n-nullita' ta' l-ewwel avviż.

Firma u numru tal-karta ta' identita'.

Tinsewx li ittra bħal din għandha tintbagħat REĠISTRATA.

Nittama li din iċċarat dak li wieħed għandu jagħmel f'każi bħal dawn.

**Lawrence 9H1AV / 9H9MHR**

## SoftRock

L-aħħar darba kien hemm min staqsa dwar fejn jista' jikseb aktar informazzjoni dwar is-SoftRock.

Għalhekk se nagħtikom ftit indirizzi ta' paġna ta' l-internet minn fejn tistgħu tiksbu aktar informazzjoni dwar dan il-proġett.

Softrock 40
http://www.amqrp.org/kits/softrock40/

Struzzjonijiet
http://ewjt.com/kd5tfd/sdr1k-notebook/sr40/sw.html

Kitba
http://ewjt.com/kd5tfd/sdr1k-notebook/sr40/install-post.html

Niżżel Programmi
http://support.flex-radio.com/Downloads.aspx

Tistgħu tidħlu wkoll fuq il-paġna ta' l-internat ta' l-ARRL u hemmhekk għandhom ukoll informazzjoni dwar kif jaħdmu radju u transriċevituri bi programmi tal-kompjuter.

## Paġna ta' l-Ispedizzjonijiet DX

Jekk tkellimtu ma xi spedizzjoni dx u tridu tkunu tafu jekk inthomx imnizzla fil-kuntatti li għamlu, din il-paġna hemm logs ta' spedizzjonijiet differenti.

http://logsearch.de/index.php?option=com_wrapper&Itemid=73

Meta titla' l-paġna sibu l-ispedizzjoni relevanti u fittxu il-log tagħha.

# Sigurta` Elettrika l-Ewwel !

## It-Tieni Parti

**Minn Dominic Azzopardi 9H1M**
**Tech. Eng. IEEE 8070422/4648**

## Isolazzjoni Doppja

Ċertu apparat ma jinħtieġx li jkun imqabbad ma’ l-art. Apparat li huwa għal kollox magħluq fil-plastik, bħala eżempju, fejn ma hemmx partijiet tal-metall esposti jew strutturi u ċerti affarijiet li, għalkemm għandhom partijiet tal-metall esposti, jingħad li huma ***isolati doppjament.***

Hawnhekk, minħabba isolazzjoni addizzjonali, huwa impossibbli li fil maqlugħ (konduttur) li jmiss ma’ metall espost ikun xi jkun id-difett. Huwa mbagħad possibbli li ma tużax il-konduttur ta’ l-art. Din hija prattika komuni b’ċertu għodda DIY[1].

## Il-Plakk tal-Mains

Kif jitwaħħlu l-fili ta’ plakk 3-pin 13A tal-UK huwa muri hawn taħt fl-istampa 1. Stampa numru 2 hija ritratt ta’ plakk bħal dan. It-Tabella numru 2 turi l-kodiċi tal-kuluri qodma u ġodda tal-fili. S’issa, l-apparat kollu għandu juża l-kodiċi tal-kuluri l-ġdid.

Naturalment, apparat li ma jinħtieġx li jitqabbad ma l-art għandu biss żewġ kondutturi (il-**ħaj** u n-**newtrali**) u f’dan il-każ il-konnessjoni ta’ l-art hija njorata.




**Fig. 1 ~ Fili ta’ Plakk 13A**

[1] DIY jiġifieri għodda maħsuba għal dawk li jħobbu jagħmlu affarijiet huma





**Fig 2 ~ Il-Plakk UK 13 Amp BS1363**

**Tabella 2:**

| ***Konduttur*** | ***Sistema Ġdida*** | ***Sistema Qadima*** |
|---|---|---|
| **Ħaj** | **Kannella** | **Aħmar** |
| **Newtrali** | **Blu** | **Iswed** |
| **Art** | **Aħdar/Isfar** | **Aħdar** |

## Estratt mir-Regolamenti Gwida IEE

Δ Kejl Ingliż **BS 1363** jispeċifika t-tip ta’ plakki u plakki tal-ħajt AC l-aktar komuni li jintużaw fid-djar fir-Renju Unit, l-Irlanda, u ħafna ex-kolonji Ngliżi.

F’dawk il-pajjiżi, is-sistema hija magħrufa bħala **plakk u plakka tal-ħajt 13amp.**

Plakk BS 1363 għandu żewġ pinnijiet orizzontali, rettangulari għall-fażi (komunament imsejjah il-‘**ĦAJ**’) u **newtrali**, u fuq dawn il-pinnijiet, pinn akbar vertikali għall-konnessjoni ta’ l-**art**.

Kontra ħafna tipi ta’ plakki tal-ħajt oħra, l-pinn ta’ l-art irid ikun hemm bilfors fi plakka BS 1363, minħabba li huwa maħsub biex jiftaħ xatter fil-plakka tal-ħajt. Huwa jippolarizza wkoll il-plakk. Plakek li ma jinfetħux maħsuba għal

apparat isolat doppjament jistgħu jibdlu dan il-pinn ma pinn tal-plastik.

Kwazi l-apparat kollu domestiku mhux fiss huwa mqabbad bl-użu ta' plakek BS1363, l-eċċezzjoni prinċipali tkun apparat li jinħtieġ aktar minn 13-il ampere (eż. fran elettriċi, li huma mqabbda fissi), u dwal mhux fissi imħaddma mill-bogħod (li jużaw plakek apposta jew plakek BS546).

Minħabba li ċirkwiti tipiċi Ngliżi (speċjalment dawk imsejħa ring[2]) jistgħu jagħtu ħafna aktar saħħa milli fil flex (fil tal-kurrent) jista' jgħaddi mingħajr periklu, dawn il-plakki huma meħtieġa li jkollhom fjus skartoċċ[3]. Il-fjus huwa magħmul għall-kejl BS 1362 u huwa normalment ta' 3, 5, 10 jew 13 amperes.

L-aktar kurrent li jista' jgħaddi fuq plakka tal-ħajt huwa 13 A; plakek tal-ħajt trippli u plakki tal-ħajt akbar ikollhom fjus 13 A ta' l-istess tip użat fil-plakkek. Il-plakek u l-plakek tal-ħajt huma disinjati li jġorru sa 250 volt AC, 50 hertz.

Dan il-plakk huwa sikwit imfisser bħala l-aktar plakk bl-aktar sigurta` fid-dinja u għal ħafna barranin jidher li huwa żgur iżżejjed u xi ftit goff.

Is-saħħa konsiderevoli li wieħed irid jagħmel biex jaqilgħu tista' tkun ta' inkonvenjent, partikolarment għal nies li jkollhom ftit saħħa f'idejhom, bħal ma huma nies xjuħ.

Minħabba f'hekk, plakek bil-manku, u biċċiet li jitwaħħlu ma' plakek eżistenti biex jipprovdulhom manku ġew magħmula imma m'humiex popolari.

Ma dan, il-biċċa 'l kbira tal-plakek tal-ħajt għandhom swiċċ magħhom, li jnaqqas il-ħtieġa li jitneħħa l-plakk kull meta l-kurrent ma jkunx meħtieġ.

Il-qies kbir jista' jagħmel il-plakk inkonvenjenti meta jkun hemm ħafna plakek fi spazju żgħir, bħal ma huma dawk li nqabbdu numru ta' plakek magħhom.

Min-naħa l-oħra, il-fil bi dħul mill-ġenb jagħti l-kombinazzjoni ta' plakk u plakka tal-ħajt profil baxx lill-ħajt (li huwa siewi jekk, bħala eżempju, se naqilgħu xi ħaġa minn wara armarju). Δ

## Punti li tinnota meta tiwwarja plakk

- Il-fili għandhom jitqabbdu mat-terminali t-tajba.
- Titneħħa isolazzjoni biss kemm ikun meħtieġ mill-fili.
- Meta tneħħi l-isolazzjoni, l-ebda parti mill-fili ma għandha tinqata'.
- Il-fil għandu jkun maqbud sewwa fuq l-isolazzjoni ta' barra. Irid ikun jiflaħ ġibda aċċidentali sostanzjali sewwa.
- Il-valur korrett ta' fjus għandu jintuża.

## Miżuri ta' Sigurta`

- 1 Qtugħ (fjus)
- 2 Xatter
- 3 Isolazzjoni tal-Pinn
- 4 Qisien
- 5 Rabta tal-Fil

Kif diġa` għedna qabel, fjus skartoċċ BS 1362 huma komunament misjuba fil-valuri ta' minn 3A sa 13A. Mod sempliċi biex tikkalkula l-fjus korrett għall-apparat huwa li tiddividi s-saħħa b'230.

### Eżempju

Għal ħijter elettriku li jinġarr b'konsum ta' 1Kw (1000w) il-kurrent meħud ikun 1000/230 = 4.35A, Għaldaqstant, għal dan il-każ fjus 5A ikun tajjeb.

Wieħed għandu madankollu jiftakar li fjus li jkun ta' ez. 5A ma jfissirx li jtir (idub) meta jgħaddi kurrent ta' 5A minnu, imma jfisser li huwa tajjeb għall-użu ta' kurrent ta' 5A il-ħin kollu.

[2] Bil-Malti ċurkett jew ħolqa, għaliex il-fili jibdew mill-kaxxa tad-distribuzzjoni, iduru minn plakka tal-ħajt għall-oħra u jerġgħu jidħlu fil-kaxxa tad-distribuzzjoni

[3] Fjus skartoċċ għaliex ma jkunx sempliċiment biċċa fil irqieq bejn żewġ konnetturi li jinbidel jekk jinqata', imma jkun magħluq fi speċi ta' skartoċċ żgħir li jinbidel sħiħ jekk jinqata'.

Ir-raġuni għal dan huwa l-fattur qtugħ. Fjus skartoċċ bħal dan għandu fattur qtugħ ta' 1.5, jiġifieri li l-kurrent tiegħu (5A) immultiplikat bil-fattur qtugħ isir 7.5A ~ dan huwa l-punt tad-tidwib/titjir għal dan il-fjus.

Madankollu, min-naħa l-oħra wieħed għandu jagħti konsiderazzjoni għal apparat induttiv bħal ma huma trapani ta' l-elettriku, muturi, dwal tan-neon, u apparat bħalhom li jieħu kurrenti tal-bidu qawwija.

F'din is-sitwazzjoni, bħala miżura tajba aħna nirduppjaw is-saħħa tal-fjus biex ma nħallux li l-fjus itir qabel il-waqt.

*Fil-ħarġa li jmiss aħna se nitkellmu dwar swiċċijiet, prekawzjonijiet ta' sigurta` u isolazzjoni.*

## Biex tgħaqqad dokumenti PDF

Wieħed jista' jkollu numru ta' dokumenti li jkunu separati u jkun jixtieq li jagħmilhom bħala dokument wieħed.

Meta dawn ikunu pdf tinħoloq problema għaliex tkun trid togħod tikkuppjahom biċċa biċċa imbgħad tagħmilhom dokument wieħed pdf.

Illum għandi indirizz ta' l-internet minn fejn tistgħu tniżżlu programm biex tgħaqqdu flimkien numru ta' dokumenti li jkunu pdf.

Dan il-programm għandu evalwazzjoni ta' 15-il jum u jekk tkunu triduh tridu tixtruh.

Il-paġna minn fejn tistgħu tniżżluh hija
http://home.hccnet.nl/s.vd.palen/
**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Qisien

Illum se nkompli naghtikom il-qisien ta' l-antenni għall-frekwenzi li jmiss

**L-ewwel kolonna hija l-frekwenza.**
**It-tieni kolonna hija t-tul tal-mewġa f'metri.**
**It-tielet kolonna huwa t-tul ta' kwart ta' mewġa f'piedi u pulzieri.**
**L-aħħar kolonna huwa t-tul ta' nofs mewġa f'piedi u pulzieri.**

L-allokazzjoni fuq 50 MHz hija lejn 50.0 MHz – 52.0 Mhz. Minħabba li l-qisien huma żgħar, se nagħtihom f'pulzieri

| F MHz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 50.0 | 6 | 56.16'' | 112.32'' |
| 50.05 | 5.99 | 56.1" | 112.2" |
| 50.1 | 5.998 | 56.04" | 112.09" |
| 50.15 | 5.982 | 55.99'' | 111.98'' |
| 50. 2 | 5.976 | 55.93" | 111.87" |
| 50.25 | 5.97 | 55.88'' | 111.76'' |
| 50.3 | 5.964 | 55.82'' | 111.65'' |
| 50.35 | 5.958 | 55.77'' | 111.54'' |
| 50.4 | 5.952 | 55.71'' | 111.42'' |
| 50.45 | 5.946 | 55.66'' | 111.32'' |
| 50.5 | 5.94 | 55.6'' | 111.2'' |
| 50.55 | 5.935 | 55.55'' | 111.1'' |
| 50.6 | 5.929 | 55.49'' | 110.99'' |
| 50.65 | 5.923 | 55.44'' | 110.88'' |
| 50.7 | 5.917 | 55.38'' | 110.76'' |
| 50.75 | 5.911 | 55.33'' | 110.66'' |
| 50.8 | 5.906 | 55.27'' | 110.55'' |
| 50.85 | 5.9 | 55.22'' | 110.44'' |
| 50.9 | 5.894 | 55.16'' | 110.33'' |
| 50.95 | 5.888 | 55.11'' | 110.22'' |
| 51 | 5.882 | 55.06'' | 110.12'' |
| 51.05 | 5.877 | 55'' | 110'' |
| 51.1 | 5.871 | 54.95'' | 109.9'' |
| 51.15 | 5.865 | 54.89'' | 10.98'' |
| 51.2 | 5.86 | 54.84'' | 109.68'' |
| 51.25 | 5.854 | 54.79'' | 109.58'' |
| 51.3 | 5.848 | 54.73'' | 109.47'' |
| 51.35 | 5.842 | 54.68'' | 109.36'' |
| 51.4 | 5.837 | 54.63'' | 109.26'' |
| 51.45 | 5.831 | 54.57'' | 109.15'' |
| 51.5 | 5.825 | 54.52'' | 109.04'' |
| 51.55 | 5.82 | 54.47'' | 108.94'' |
| 51.6 | 5.814 | 54.41'' | 108.83'' |
| 51.65 | 5.808 | 54.36'' | 108.73'' |
| 51.7 | 5.803 | 54.31'' | 108.62'' |
| 51.75 | 5.797 | 54.26'' | 108.52'' |
| 51.8 | 5.792 | 54.2'' | 108.4'' |
| 51.85 | 5.786 | 54.15'' | 108.31'' |
| 51.9 | 5.78 | 54.1'' | 108.2'' |
| 51.95 | 5.775 | 54.05'' | 108.1'' |

Innutaw li d-differenza bejn it-trufijiet tal-frekwenzi hija ftit aktar minn 2 pulzieri fuq kwart ta' mewġa u ftit aktar minn 4 pulzieri fuq nofs mewġa.

Dan juri kemm tridu toqogħdu attenti għall-qisien u l-fatt li tridu tintunaw l-antenna fil-post għall-parti tal-frekwenza li tridu taħdmu fuqha biex issibu l-aħjar swr.

L-allokazzjoni fuq is-70 MHz hija bejn is-70MHz u 70.5MHz u se nagħtiha wkoll f'pulzieri minħabba li kif taraw il-qisien huma żgħar.

| F MHz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 70.05 | 4.283 | 40.08" | 80.17" |
| 70.1 | 4.28 | 40.05" | 80.11" |
| 70.15 | 4.277 | 40.02" | 80.05" |
| 70.2 | 4.274 | 39.99" | 79.99" |
| 70.25 | 4.27 | 39.97" | 79.94" |
| 70.3 | 4.267 | 39.94" | 79.88" |
| 70.35 | 4.264 | 39.91'' | 79.82'' |
| 70.4 | 4.26 | 39.88'' | 79.77'' |
| 70.45 | 4.258 | 39.85 | 79.71'' |

Innutaw li bejn it-trufijiet tal-frekwenza hemm inqas minn kwart ta' pulzier fuq kwart ta' mewġa u inqas minn nofs pulzier fuq nofs mewġa.

Madankollu, din il-frekwenza fiha biss 500 kHz u għaldaqstant ma tantx se tagħmel differenza bejn tarf u ieħor, imma dejjem tridu tintunaw l-antenna jekk jista' jkun fil-post għall-aħjar swr.

L-allokazzjoni fuq il-144 MHz hija bejn 144 Mhz – 146 Mhz. Minħabbba li anki fuq din il-frekwenza il-qisien huma żgħar se nagħtihom ukoll f'pulzieri.

| FMhz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 144.1 | 2.081 | 19.48'' | 38.97'' |
| 144.2 | 2.08 | 19.47'' | 38.94'' |
| 144.3 | 2.079 | 19.45'' | 38.91'' |
| 144.4 | 2.077 | 19.48'' | 38.97'' |
| 144.5 | 2.076 | 19.43'' | 38.86' |
| 144.6 | 2.074 | 19.41'' | 38.83'' |
| 144.7 | 2.073 | 19.4'' | 38.81'' |
| 144.8 | 2.071 | 19.39'' | 38.78'' |
| 144.9 | 2.07 | 19.37'' | 38.75'' |
| 145 | 2.068 | 19.36'' | 38.73'' |
| 145.1 | 2.067 | 19.35'' | 38.7'' |
| 145.2 | 2.066 | 19.33'' | 38.67'' |
| 145.3 | 2.064 | 19.32'' | 38.65'' |
| 145.4 | 2.063 | 19.31'' | 38.62'' |
| 145.5 | 2.061 | 19.29'' | 38.59'' |
| 145.6 | 2.06 | 19.28'' | 38.57'' |
| 145.7 | 2.059 | 19.27'' | 38.54'' |
| 145.8 | 2.057 | 19.25'' | 38.51'' |
| 145.9 | 2.056 | 19.24'' | 38.49'' |

Innutaw li d-differenza fil-qies ta' kwart ta' mewġa mninn tarf għall-ieħor ta' din il-frekwenza huwa inqas minn kwart ta' pulzier u inqas minn nofs pulzier fuq nofs mewġa.

Dan ifisser li tridu toqogħdu attenti ħafna fil-qisien, u tridu tintunaw l-antenna fuq il-frekwenza li tridu fil-post għall-aħjar swr.

Nittama li ssibu din l-informazzjoni siewja u għall-inqas ikollkom idea dwar il-qisien li tridu tibdew bihom biex tagħmlu antenna għal frekwenza partikolari.

Hawnhekk irrid niġbed l-attenzjoni tagħkom li dawn il-qisien huma meta jkun qed jintuża fil li jkun irqieq meta mqabbel mat-tul tiegħu.

Għalhekk, meta tużaw tubi għall-antenna, minħabba li jkunu aktar ħoxnin meta mqabbla mat-tul tagħhom, il-qisien normalment ikunu inqas minn dawk murija fit-tabelli.

Imma li tridu tiftakru huwa li minn tubu jew fil twil tista' taqta', imma aktar huwa diffiċli li żżid.

Għalhekk meta tkunu qed tintunaw l-antenna oqogħdu attenti ħafna speċjalment fuq il-frekwenzi vhf.

Li tistgħu tagħmlu huwa li tużaw tubi ta' qisien differenti u tvarjaw it-tul tagħhom billi jidħlu u joħorġu ġo xulxin biex tintunaw l-antenna.

**Lawrence 9H1AV / 9H9MHR**

## 599?

Il-bażi ta' QSO formali hija l-bdil ta' rapporti eżatti tas-sinjali bejn l-istazzjonijiet.

B'konvenzjoni, dan jeħtieġ li nirrapportaw "qari (R)", "saħħa (S)", u "ton (T)" jew "kwalita' (Q)".

R jista’ jkun bejn 1 u 5, S bejn 1 u 9, T (jew Q) bejn 1 u 9.

Ħafna diskussjonijiet dwar rappurtar jistgħu jnstabu f’kotba tad-dilettanti tar-radju u fuljetti.

Madankollu, daż-żmien meta tissemma lil dilettanti tar-radju, jidher li dan m’huwiex eżerċizzju serju, għaliex huwa rari li tisma rapport ħlief 599.

Kif jista’ xi ħadd onestament jagħti rapport 599 (qari perfett, sinjal b’saħħtu u ton tajjeb) u fl-istess waqt jitlob trasmissjoni mill-ġdid ta’ l-isem u l-QTH ta’ l-operatur?

Forsi huwa d-difett tal-programmi tal-kompjuter użati għal-logging, li jmorru dejjem fuq 599?

Aktar dubjuż huwa l-użu ta’ 5NN (minflok 599) aktarx użat biex iħaffef it-trasmissjoni, minħabba li l-ittra N tintbaghat aktar malajr min-numru 9.

Jiena nissuspetta ħafna li l-informazzjoni RSQ hija wżata l-aktar biex jiontbagħat rapport li min jibgħatu jemmen li l-istazzjon l-ieħor irid jirċievi, aktar mir-realta’. Jekk huwa hekk, dan aktar huwa servizz ħażin milli għajnuna.

Għalija, jiena dejjem għandi diffikulta’ biex niddeċiedi fuq il-valur li nagħti għall-R.

Jekk il-messaġġ huwa kodifikat, attwalment mibgħut ħażin, jew f’ilsien barrani, kif nistgħu niddeċiedu li jista’ jinqara?

M’għandniex nirrapurtaw kemm tassew aħna “ċerti” li smajna s-sinjal tajjeb?

Bħala eżerċizzju, kif inti tirraporta it-test li ġej jekk inti rċevejtu u inti ċert mhux ħażin li l-kopja hija tajba?

R3 għaliex mad-daqqa t’għajn mhux korrett, jew R5 wara li terġa’ taqrah (nassumu li inti titkellem l-ilsien Malti)[4]

Sknod stħrraiġ mill-Uniservita` ta’ Camrbigde, ma jmipurtax f’leima orndi huma l-irtti ta’ klema, l-ukina ħġaa mporntati hjia li l-ewlwe u l-aħaħr irtta jknuu f’potshom. Il-kupmlamnet jistħgu jnuku kwalata u itni tsita’ tqarahom minħgjar porbelma. Dan hwua għlaiex il-moħħ tal-bneidem ma jarqax klul irtta għlaiha, imma l-klema siħħa.

**Robin 9H1ZZ**

**Nota**

Dwar dan l-artiklu, jiena ġbidt l-attenzjoni ta’ Robin għal dawn il-punti:

Dilettanti tar-radju ma jistgħux jużaw messaġġi kodifikati, u għalhekk jew l-operatur li bagħat (jew irċeva) il-messaġġ huwa għatu.

Li matul il-kors ta’ Uffiċjal tar-Radju dejjem saret enfasi u dejjem tgħallimt, u l-esperjenza turi, li għandek tikkopja eżatt u ma tibdel xejn.

Dan għaliex, bħala eżempju, jekk inti qed tibgħat (jew tirċievi) messaġġ mingħand tabib u inti ma tifhemx fil-kimika jew terminoloġija medika u “tirranġa” l-messaġġ biex “għalik” jagħmel sens, inti tista’ anki twassal għall-mewt ta’ xi ħadd jekk jingħata l-kura jew mediċina ħażina.

L-istess affarijiet tgħallimthom matul l-istudji legali tiegħi, jiġifieri li trid toqgħod attent ħafna, għaliex legalment, anki fejn titpoġġa koma jew fullstop jagħmel differenza kbira li tista’ tibdel is-sens tas-sentenza jew paragrafu.

Għalhekk, jekk inti rċevejt xi ħaġa li ma tafx jekk irċevejthiex tajjeb, staqsi lil min bghata biex jikkonferma dak li għandek dubju fih.

[4] Hawnhekk qlibt it-test ukoll għaliex fit-test Ingliż qed jirreferi għall-ilsien Ingliż, imma la l-artiklu qlibtu bil-Malti r-referenza trid tkun għall-Malti.

L-artiklu ta' Robin huwa riflessjoni tajba fuq is-sitwazzjoni li wieħed jisma' kull meta jidħol fuq l-arja u jqajjem mistoqsijiet interessanti.

Huwa wkoll eżerċizzju tajjeb li tagħmluh. Ippruvaw aqraw l-aħħar paragrafu bil-għaġġla mingħajr ma toqgħodu tiflu l-kliem waħda waħda u taraw li l-istħarriġ li sar mill-Universita` ta' Cambridge huwa validu.

**Lawrence 9H1AV / 9H9MHR**

## Kondenser stil Marconi



Dan ir-ritratt huwa meħud fi Clifden, l-Irlanda, u juri l-bini ta' kondenser (ritratt kumpanija Marconi)

Innutaw ir-ragel in-naħa t'isfel tar-ritratt.

Dan il-kondenser kien magħmul minn eluf ta' pjanci ta' l-azzar imdendlin mis-saqaf għall-art.

Ftit dettalji:
HT 15,000 Volts DC (3 ġeneraturi 5Kv inserjati) imħaddma minn magna tal-fwar.

Batteriji għal-lest, 6,000 batterija, 2V, 30AH inserjati.

Mhux eżattament biex teħodhom jekk tmur taħdem minn xi mkien.

## Antenna tal-Ħolm

L-antenna li kien se juża Marconi għall-esperimenti trans-Atlantiċi tiegħu kienet kbira. Madankollu, l-arbli li kienu jżommu l-antenna li kien fihom 200 pied ma kienux sodi u l-antenna waqgħet waqt maltempata f'Settembru 1901.

Minħabba li Marconi ried ikompli bl-esperimenti tiegħu, ġiet magħmula din l-antenna li tidher hawn taħt.




Naħseb li din joħolmu biha dawk li jaħdmu fuq il-160 metru.

## Ħolqa Oħra

Jekk inti nteressat li tibni l-affarijiet inti stess din hija ħolqa li jiena ċert li ssib interessanti.

http://www.amqrp.org/index.html

**ATTIVITAJIET TAL-MARL**

**Se jiġu organizzati aktar operazzjonijiet minn postijiet differenti ħalli min jieħu sehem fihom ikun qiegħed jitħarreġ kif jopera wkoll f'kundizzjonijiet mhux normali.**

**Inħeġġukom biex tieħdu sehem u tiksbu esperjenza li ma tafs meta tista' tiġi bzonnha.**

**Fiċ-Ċentru smajna li George għandu wkoll il-ħsieb li jorganizza numru ta' BBQs għas-sajf li ġej.**

**Narawkom**